**KUNSILL LOKALI LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 29 – L-ERBGĦA 28 TA' SETTEMBRU 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti nqraw u wara li kienu approvati ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sur Jeremy Anthony Dalli, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata minn Dr Marc Sant.

## 2 IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

2.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, poggiet quddiem il-Kunsill korrispondenza mingħand Hugh Arnett, espert tat-traffiku, li kien fiha diversi suġġerimenti biex jitressqu quddiem Transport Malta għall-approvazjoni.

2.2 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata minn Dr Marc Sant, ressqet mozzjoni li ġiet approvata unanimament biex jiġu approvati mit-Tansport Malta sabiex isiru tibdiliet fis-sinjali u direzzjoni tat-traffiku fi

a. Triq Sir Ugo Mifsud u Triq Karlu Darmanin;
b. Triq Annibale Preca u Triq il-Kbira;
c. Triq il-Knisja;
d. Triq Ġużeppi Calí;
e. Triq Trasfigurazzjoni, Wiġi Muscat u Triq Andrea Zammit;
f. Triq Daniel Sammut u Ġiovanni Barbara.

## 3. IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

3.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, tkellem dwar ix-xogħlijiet fi Triq Annibale Preca. Huwa semma diversi lmenti li kien qed jirċievi mingħand ir-residenti minħabba id-dewmien li qed ikun hemm biex dan ix-xogħol jibda b'mod aktar serju u jispiċċa malajar kemm jista' jkun.

3.2 Il-Perit John Rizzo Naudi, Contract Manager tal-Kunsill, għamel spjegazjoni dwar din il-problema. Fost affarijiet oħra huwa qal li l-kuntrattur għandu jibda l-ewwel parti tal-proġett fil-ġranet li ġejjin.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill u tal-Contract Manager, il-Perit John Rizzo Naudi, biex ix-xogħlijiet fi Triq Annibale Preca ma jkunux aktar minn dak l-ammont stabilit fl-istima approvata fit-tender.

## 4. ATTIVITÀ KULTURALI

4.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, infurmat l-Kunsill dwar l-attività kulturali u qalet li għal din l-attività ġiet stabillita d-data tal-Ġimgħa 14 ta' Ottubru 211.

4.2 Ir-Residenti li ser jattendu għal din l-attivita' ġewwa l-Wardija, ser jittieħdu biex jaraw kif jiġi pproċessat l-għasir taż-żebbuġ.

## 5. SKEMA DWAR INIZJATTIVI SPORTIVI FIL-LOKALITAJIET 2012– MEMO 90/2011

5.1 Il-Kunsilliera qablu unanimament biex flimkien jikkoordinaw inizjattivi li jistgħu jitwettqu fil-lokalità ta' Ħal Lija.

5.2 L-applikazzjonijiet għal din l-iskema għandhom jitlestew qabel il-Ħamis 27 t'Ottubru 2011.

## 6. SKEMA TA' FINANZJAMENT TA' PROĠETTI SPEĊJALI 2011 – MEMO 87/2011

6.1 Il-Kunsilliera qablu unanimament biex flimkien jikkoordinaw proġetti jew inizjattivi li jistgħu jitwettqu fil-lokalità ta' Ħal Lija.

6.2 L-applikazzjonijiet għal din l-iskema għandhom jitlestew qabel l-Ħamis 20 ta' Ottubru 2011.

## 7. TRASPORT PUBBLIKU

7.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, ġibed l-attenzjoni dwar diversi lmenti li kien qed jirċievi mingħand ir-residenti minħabba t-tibdil tal-Arriva fuq ir-rotta numru 43.

7.2 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, qal li huwa kien ħa ħsieb jiġbed l-attenzjoni tal-Minsitru konċernat mit-Transport pubbliku biex flimkien mal-Kunsill naraw kif din il-problema tkun riżolta.

## 8. FESTIVAL TAĊ-ĊITRU

8.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi spjegat fid-dettal l-programm tal-festival taċ-Citru għas-sena 2012.

8.2 Il-Kunsilliera għamlu diversi suġġerimenti biex dan il-festival ikun ta' aktar suċċess u qablu unanimament li għal quddiem ċerti suġġerimenti li ssemmew illum għandhom jiġu studjati aktar fid-dettal għal festival ta' wara.

## 9. KTIEB TAL-MITĦNA

9.1 Fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill qabel unanimanet biex jinxtara ktieb, 'Il-Mitħna Tar-Riħ', awtur s-Sur George Sammut.

## 10. IL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2011 fil-5.00 p.m..

Dr Ian Castaldi Paris
Is-Sindku

Alfred Buhagiar
Is-Segretarju Eżekuttiv